22002D0046

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 46/2002

tad-19 ta' April 2002

li temenda l-Protokoll 31 mal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi "il barra mill-erba" libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 165/2001 tal-11 ta' Diċembru 2001 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/704/KE tas-26 ta' Settembru 2001 li tħassar id-Deċiżjoni 97/150/KE dwar li jiġi stabbilit forum konsultattiv Ewropew dwar l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli ([2]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni 97/150/KE għandha tiġi mħassra għall-għanijiet tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Is-sub-sub-inċiż li ġej għandu jiddaħħal fit-tieni sub-inċiż (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/150/KE) ta' l-ewwel inċiż fl-Artikolu 3(1) tal-Protokoll 31 mal-Ftehim:

"– **32001 D 0704**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/704/KE tas-26 ta' Settembru 2001 li tħassar id-Deċiżjoni 97/150/KE dwar li jiġi stabbilit forum konsultattiv Ewropew dwar l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli (ĠU L 258, tas-27.9.2001, p. 20)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-20 ta' April 2002, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 65, tas-7.3.2002, p. 48.
([2]) ĠU L 258, tas-27.9.2001, p. 20.
(*) L-ebda ħtiġiet konstituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' April 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND